## Minuti tal-Ħamsa u Tlettin-il laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur
## Nhar il-Tlieta, 17 ta' Novembru 2009 fis-7:30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 33 u 34 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċċjali.

3. **Ġbir ta' Skart.** Reġa ġie diskuss il-kuntratt ta' ġbir ta' skart speċjalment tal-stabilimenti kummerċjali. Il-Kunsill bħal issa baqa' jiġbor l-iskart tal-ħwienet għalkemm kien avżahom li dawn l-istabilimenti iridu jagħmlu arranġamenti huma personali. Inġibed l-attenzjoni li qed jibqa' ħafna skart nhar ta' Erbgħa wara s-suq fil-miftuh.

4. **Suq fil-Miftuħ.** Il-Kunsill irċieva telefonata minn uffiċċjali tal-Ministeru tar-Riżorsi dwar is-suq fi-miftuħ u il-bejjiegħa f'dan is-suq. Hemm minnhom li mhumiex jimxu skond ir-regolamenti. Il-Kunsill għandu jara li l-bejjiegħa għandhom ikollhom il-permessi meħtieġa sabiex jieħdu sehem f'dan is-suq.

5. **Karnival 2010.** Is-Sindku nformat lill-Kunsill li s-Supritendent tal-Pulizija reġa' talab laqgħa dwar il-Karnival Spontanju.

6. **Ħarġa f'Malta.** Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera dwar il-ħarġa ta' l-Anzjani li saret nhar il-Ħames 12 ta' Novembru. Kien hemm madwar 55 persuna. Kien pjanat li dawn jagħmlu laqgħa ta' kortisija lill-E.T. il-President ta' Malta iżda kien hemm ftehim ħażin min-naħa tal-uffiċċju tal-President u dan ma seħħx. L-grupp żar il-palazz tal-Verdala w l-mużew tal-pulizija. Wara marru għall-ikel.

7. **Sports Day.** Saret l-attivita' ta' Jum il-Kunsill fil-ground tal-MUSEUM tas-Subien. Is-Sindku ssuġġeriet li s-sena dieħla din l-attivita' ssir b'mod differenti sabiex ikun hemm aktar parteċipazzjoni mit-tfal speċjalmenti il-bniet. Din għandha ssir fil-pjazzetta u tkun forma ta' giocchi.

8. **Korrispondenza.**

(2350) Ittra minn l-Għaqda Armar Triq il-Kappillan dwar parteċipazzjoni fil-Christmas Market
(2351) Ittra minn l-Għaqda Armar Triq il-Knisja dwar parteċipazzjoni fil-Christmas Market
(2352) Ittra mill-Kumitat Armar tal-Pjazza dwar parteċipazzjoni fil-Christmas Market

(2353) Ittra reġistrata mill MEPA dwar Refuse Collection Vehicles
(2354) Email mingħand Deborah Pace (Dipt. Gvern Lokali) dwar programm fuq Education 22 u TVM dwar il-Christmas Market
(2355) Email mingħand Deborah Pace dwar l-Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf
(2356) Ittra mingħand il-Perit Robert Grech dwar il-barriera ta' Sopu
(2357) Ittra mill-ADT dwar sinjali sofor fi Triq Madre Gemma Camilleri
(2358) Ittra mill-ADT dwar sinjali sofor fi Triq Grunju
(2359) Ittra mill-ADT dwar parking bay fi Pjazza l-Arcipriet Martin Camilleri
(2360) Email mingħand Delicata dwar stands għall-Christmas Market
(2361) Email mingħand Josette Camilleri mill-Ministeru għall-Edukazzjoni dwar il-proġett ta\-\agħ\agħ
(2362) Ittra mill-Għaqda Nar 29 ta' Gunju dwar parteċipazzjoni fil-Christmas Market
(2363) Memo 71/2009 – Mistoqsija Parlamentari
(2364) Email mingħand il_BOV dwar sponsorship tal-Christmas Market
(2365) Ittra mill-ADT dwar sinjali sofor fi Triq ir-Ramla
(2366) Memo 70/2009 Obbligu tal-pubblikazzjoni tas-Sejhiet għall-offerti u kwotazzjonijiet
(2367) Ittra mill-MTA dwar il-Christmas market
(2368) Memo 72/2009 Mistoqsijiet Parlamentari
(2369) Ittra minn Nadur Youngsters dwar in-Nursery
(2370) Email mingħand il-General Soft Drinks Limited dwar sponsorship
(2371) Email mill-Kummissjoni Arbli Mnarja dwar partecipazzjoni fil Christmas Market

9. **Nadur Pigeon Club.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Pigeon Club fejn talbu il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-attivitajiet tagħhom. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jagħti għajnuna lil din l-għaqda billi jħallas it-trofew ta' waħda mit-tiġrijiet li jiġu organizzati.

10. **Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita'.** Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' qed torganizza l-Parlament tal-Persuni b'Diżabilita' nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru u stiednu biex minn irid jieħu sehem f'din l-attivita' jinkiteb. Il-Kunsilliera semmew xi persuni li forsi jieħdu interess f'din l-attivita'. Is-Sindku għandha tkellimhom.

11. **Attivitajiet Lokalitajiet Indaf.** Bħala parti mill-attivitajiet organizzati mill-Kunsill fl-skema Lokalitajiet Indaf, il-Kunsill bl-għajnuna tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni ser iqassam basktijiet taċ-ċarrutta lill dawk l-anzjani li hadu sehem fil-ħarġa li saret għal dan il-għan. Għal din l-okkazzjoni ser ikun mistieden is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said. Fl-istess laqgħa ser issir diskussjoni mill-pulizija dwar is-sigurta fid-dar. Għad trid tiġi ffisata d-data.

12. **Librerija tan-Nadur.** Is-Sindku ssuġġeriet li jinxtraw il-kotba "Kullana tat-Tfal**"** sabiex ikun bħala "reference" books għat-tfal. Il-Kunsilliera kollha qablu li jinxtraw dawn il-kotba.

13. **Barriera ta' Sopu.** Il-Kunsill irċieva il-pjanta tal-Barriera ta' Sopu kif ġie mitlub u l-Kunsill approva il-ħlas ta' din il-pjanta u xogħol inkonnessjoni magħha ta' €3000. Il-Perit Robert Grech bagħat ukoll l-istima tax-xogħlijiet tar-riabilizzjoni tal-barriera. Iżda ma bagħtx konferma li hu jaċċetta il-kondizzjonijiet tal-Kunsill dwar ħlas għal dan il-proġett. Is-Segretarja għandha terġa tibgħatlu ittra oħra dwar dan.

14. **Pjazza L-Arċipriet Martin Camilleri.** Il-Kunsill innota li hemm parking tad-disabled fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri li kien ġie mitlub minn resident ta' din l-inħawi. Dan ir-resident m'għadux joqgħod f'din il-Pjazza. Peress li hemm aktar parking għad-disabled fil-viċin il-Kunsill iddeċieda li dan id-disabled parking għandu jitneħħa sabiex ikun aktar spazju ta' parking.

15. **Nadur Youngsters.** Fl-okkazzjoni ta' Jum il-Kunsill ser issir il-Joe Tabone Memorial Football Tournament. Il-coach tan-Nursery talab li minflok jinxtraw tropies għal din l-okkazzjoni l-Kunsill jixtri basktijiet għat-tim ta' taħt is-17. Il-Kunsill laqgħa din it-talba.

16. **MEPA.** Il-Kunsill irċieva ittra mill-Malta dwar wirja ta' Galleriji. Il-Kunsill aċċetta li jtella din il-wirja fl-uffiċċju tal-Kunsill.

17. **Kors tal-CAD.** Is-Sindku ġiet avviċinata minn Tony Cassar biex jagħmel kors tal-CAD għall-mastrudaxxa. Is-Segretarja għandha tikkuntatja lil Tony Cassar sabiex tara x'hemm meħtieġ.

18. **Sponsors.** Il-Kunsill irċieva email mingħand "The General Soft Drinks Ltd." dwar sponsorship għall-attivitajiet tan-Nadur. Huma offrew is-somma ta' €2550 għall-Karnival, Wine Festival, Imnarja, Mayfair u Christmas Market. Din hija l-istess somma li l-Kunsill ngħata mingħandom fis-sena 2009. Il-Kunsilliera qalu li l-Kunsill għandu jara l-kompetituri x'ser joffri qabel ma jaċċetta dan l-isponsorship.

19. **Tiżjin tal-Milied.** Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda biss għat-tiżjin tal-Milied ta' Triq Diċembru 13 u Pjazza San Pietru u San Pawl. Din hija ta' Peter Paul Azzopardi bil-prezz ta'€2100. L-armar ser ikun mikri mingħand l-istess kuntrattur u mhux ser jintuża l-armar tal-Kunsill. Il-Kunsilliera aċċetaw din l-kwotazzjoni.

20. **Offerti.** Il-Kunsill ħareġ l-offerti ta' Resurfacing ta' Triq Dun Bernard Haber. Kien hemm żewġ offerti mitfuha. Dawn huma ta':

Road Construction bil-prezz ta' €23,646.69
Gatt Tarmac Ltd. bil-prezz ta' €9.499.

Is-Segretarja ssuġġeriet li jiġi nformat il-Contract Manager qabel ma tingħażel din l-offerta iżda l-Kunsilliera qalu li tant hemm differenza fil-prezz li ser jagħżlu l-aktar waħda vantaġjuża li hija ta' Gatt Tarmac Ltd.

Kien hemm sejħa għall-offerti wkoll għat-tibdel tat-tapiti fil-Playing Field tal-Hali. Għal din is-sejħa l-Kunsill irċieva erbgħa offerti.

Dawn kienu ta' M Quipp €53.50 per linear metre
240 Ltd. €46 per sq. Meter
JGC Ltd. €34.95 per sq. Meter
Forestals €53.28 per sq. Meter

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' JCC Ltd. peress li dan kien l-aktar wieħed vantaġġjuża u l-Kunsill diġa għandu tapiti ta' din id-ditta li huma tajbin. Dan il-proġett ser jiġi mħallas minn fondi tal-Urban Improvement Fund tal-MEPA.

21. **Impjieg ta Ħaddiem.** Charles Said għamel mozzjoni sabiex il-Kunsill joħroġ sejha biex jimpjega fuq bażi full time persuna bħala handyman u li jagħmel kwalunkwe xogħol ieħor relatat u li jkun hemm bżonn. Il-mozzjoni ġiet ssekondata mis-Sindku Miriam Portelli u għaddiet unanimament. Is-Segretarja għandha titlob permess lid-Dipartiment għal dan l-impjieg.

22. **Jum il-Kunsill.** L-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill diġa bdew bil-ħarġa ta' l-anzjani u ser ikompli fil-jiem li ġejjin b' diversi attivitatjiet fosthom il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr nhar il-Ħadd 22 ta' Novembru, ftuh ta' wirja ta' pittura minn Maxine C. Attard u l-għoti ta' Prejmu Gieħ in-Nadur lil-Ministru Giovanna Debono. .

23. **Christmas Market.** Il-Kunsill qed jipprepara għall-attivita' tal-Christmas Market li ser issir nhar il-Gimgħa, Sibt u Ħadd 4-6 ta' Diċmbru. Għal din l-attivita' applikaw diversi għaqdiet biex jieħdu sehem. Kien hemm tliet applikazzjonijiet mill-għaqdiet biex jarmaw bil-bouncing castle u trains. Waħda mill-għaqdiet (Soċjeta Filarmonika Mnarja) kienet ramat b'dawn il-logħob fil-Christmas Market 2008 u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li dawn ma jingħatawx dawn il-logħob iżda l-Kunsill ser iħallas €100 għas-serviżż tal-banda li ser tagħti nhar il-Gimgħa 4 ta' Diċembru. Iż-żewġ għaqdiet l-oħra (Għaqda Armar Triq il-Knisja u Għaqda Armar Triq il-Kapillan) li applikaw għal dan l-istess logħob ser jiġu nformati li għandhom jaħdmu flimkien.

24. **Tiswija ta' toroq.** Is-sindku nformat lill-Kunsill li tranġaw diversi problemi ta' l-ilma f'toroq li diġa saru bir-resurfacing. Fosthom Triq Guze Ellul Mercer, Triq San Blas, Triq ta' Said, Triq l-Isqof M.F. Buttigieg u Triq Agius de Soldanis. Il-Kunsill qabel li dan it-tip ta' tiswija m'għandux issir f'toroq li għadhom ma sarx resurfacing fihom.

25. **Affarijiet oħra.** Jonathan Buttigieg fakkar fil-passaġġ tal-Gebel l-Aħmar li għandu jsir bil-konkos.

26. **Kontijiet.** Kontijiet li ġew approvati:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9033 | GO plc | 191.55 | tel. & fax lines |
| 9034 | P&J Debono Cons. Ltd | 949.72 | cement works |
| 9035 | Peter Paul Buttigieg | 89.00 | website updating |
| 9036 | John Cassar | 412.00 | wine festival entertainment |
| 9037 | Joseph Xerri | 150.00 | wine festival ebntertainment |
| 9038 | Joseph Cauchi | 223.00 | October Gnien il-Kunsill |
| 9039 | Andrew Fleri Soler | 60.00 | Repair of copier |
| 9040 | Saviour Xiberras | 1656.89 | October handyman, sweeping, soft areas |
| 9041 | J.G. Garage | 485.96 | 2 coaches – Russian choirs |
| 9042 | John Ivan Xuereb | 1072.72 | October – attendant & sweeping |
| 9043 | Water Services Corporation | 618.12 | Gnien il-Kunsill & office |
| 9044 | Saviour Meilak | 113.05 | Public convenience |

| | | |
|---|---|---|
| 9045 KIP Ghawdex | 2386.86 | refuse collection |
| 9046 Malcolm Debono | 40.00 | transport |
| 9047 Karen Sultana | 99.45 | public convenience Dahlet Qorrot |
| 9048 Nadur Local Council | 114.44 | petty cash |
| 9049 void | | |
| 9050 Sue Ellen Bugeja | 28.84 | Reimbursement |
| 9051 Horace Enterprises Ltd. | 123.92 | medals Jum il-Kunsill |
| 9052 Dr. Angele Formosa | 289.20 | Easysell (case) |
| 9053 Paramount Garage | 212.40 | transport |
| 9054 MaryRose Grima | 100.00 | October Day centre |
| 9055 Concetta Mifsud | 100.00 | October day centre |
| 9056 Gemma Zammit | 140.00 | October day centre |
| 9057 Galea Curmi Eng.Cons. | 96.62 | contract manager |
| 9058 Mary Attard | 83.85 | October library |
| 9059 Mary Attard | 67.08 | September library |
| 9060 Mary Attard | 6.00 | books |
| 9061 Maltapost plc | 66.60 | newsletter |
| 9062 Mile End Restaurant | 384.25 | Jum il-Kunsill elderly outing |
| 9063 Miriam Portelli | 50.00 | reimbursement |
| 9064 Gozo Channel Co. Ltd. | 154.70 | antik car show |
| 9065 Sportsmania | 472.00 | cloth bags |
| 9066 Robert Grech | 3000.00 | Barriera plans |
| 9067 Kummissjoni Arbli Mnarja | 100.00 | transport of flag pole |
| 9068 Steve Cole | 750.00 | wine festival entertainment |
| 9069 Road Construction Co. Ltd. | 2352.91 | resurfacing works |
| 9070 Skola Primarja Nadur | 150.00 | play equipment |
| 9071 void | | |
| 9072 Portelli Print | 587.15 | printing newletter, letterheads |
| 9073 Road Construction Co. Ltd. | 5354.91 | resurfacing |
| 9074 Euchar Mizzi | 233.00 | Kullana għat tfal |
| 9075 Enemalta Corporation | 130.00 | temporary meter |
| 9076 Qorti | 1096.00 | appeal – Nicky Saliba |
| 9077 Gozo Channel Co. Ltd. | 189.60 | Christmas Market transport |
| 9078 Miriam Portelli | 324.98 | Allow. Nov. |
| 9079 Rita Mifsud Attard | 1378.68 | Salary |
| 9080 Sue Ellen Bugeja | 932.21 | Salary |
| 9081 CIR | 1028.20 | November |
| **Total** | **€28,645.86** | |

Il-laqgħa ntemmet fl-10.00 p.m.